KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tat-Tnejn u ghoxrin (22) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**Il-Hamis, 11 ta' Awissu, 2016, fil-4.30 pm**

---

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Skuzat | |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tal-wieħed u għoxrin (21) laqgħa, tat-Tlieta, 12 ta' Lulju 2016, tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

Bħala punti mill-minuti:

*i.* Fuq talba tal-kunsilliera Dr. Josianne Cutajar fl-ahhar laqgha rigward biex f'din l-laqgħa tkun prezenti l- Accountant tal-Kunsill biex tiġi mistoqsija xi affarijiet rigward il-budget u l-Quarterly Reports, is-Segretarja nformat lil Kunsilliera li bgħatet e-mail lil Accountant fuq dan izda minhabba impenji oħra din ma setgħetx tkun prezenti. L-Accountant informat lis-Segretarja li tkun tista tirrispondi xorta l-mistoqsijiet li hemm u anke lesta li tiltaqa' mal-Kunsill fi granet oħra.

**3. Korrispondenza:**

(5584) Ittra mingħand Transport Malta rigward servizzi godda li se jigu provduti

(5585) Cirkulari Numru 8/2016 dwar Inizjattiva Finanzjarja favor il-Komunita' – Libreriji Lokali/regjonali

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(5586) Cirkulari Numru 9/2016 dwar Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storici 2016

(5587) Ittra mingħand l-Ufficcju tal-Kummissarju tat-Tfal dwar il-Jum Dinji tat-Tfal

(5588) Cirkulari Numru 7/2016 dwar Gbir ta' Data dwar Aged Creditors' Balance sat-30 ta' Gunju 2016

(5589) Cirkulari Numru 10/2016 dwar Tagħrif fuq Inizjattivi dwar Facilitajiet ta' Parkegg fil-Lokalitajiet

(5590) Rapport mingħand il-Perit Robert Grech dwar l-istat dizastruz li tinsab fih Triq l-Mgarr

(5592) Programm tal-Wirja tal-Biedja u Snajja 2016

(5593) E-mail mingħand il-Planning Authority dwar UIF Statement of Funds

(5594) Notifika mill-Awtorita tal-Ippjanar li tikkoncerna zvilupp mingħajr permess li jikkonsiste fil-bdil tal-uzu tal-art.

(5595) Cirkulari 43/2016 dwar AC4ACP Meeting

**4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.**

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri, l-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u s-Sindku approvaw l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar astjeniet u nformat li ser izzomm il-pozizzjoni tagħha bhal laqgħat ta' qabel.

Is-Sindku Edward Said innota xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda.

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri, l-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u s-Sindku approvaw l-iskeda kollha kemm hi.

**5. Wine Festival 2016:**

*Kwotazzjoni tad-dawl :-*

i. Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda.

Sourcelite- 3,805 incl (VAT). Il-Kunsill għazel din il-kwotazzjoni.

IFFIRMATA IFFIRMATA
Edward Said Sue-Ellen Bugeja
Sindku Segretarja Ezekuttiva

*Kwotazzjoni tal-PA system:-*

ii. Il-kunsill irċieva zewg kwotazzjonijiet.

Power Sound- 1,249 (excl VAT)

Pro Stage- 1,325 (excl VAT)

Il-Kunsill għazel l-orħos waħda ta' Power Sound.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li mhux ser ikun hemm restaurant. Is-Sindku innota li ser jkun hemm skip li ser jitpoġġa fl-istess post tas-sena l-oħra.

**6. Kumitat tal-Finanzi:**

Is-Sindku nnota li bhala Sindku hu qatt mhu ser imur kontra dak li gie issuggeriet fil-laqgħa li l-Kunsill kellu mad-Direttur tal-DLG. Hu kompla jgħid li wara din il-laqgħa pozittiva li l-Kunsill kellu u l-effort li l-Kunsill qed jagħmel biex dan il-Kunsill u li gej wara jaħdmu aktar facli, Is-Sindku ppropona li jitwaqqaf il-Kumitat tal-Finanzi. Dan il-Kumitat ikun iffurmat mis-Segretarju Ezekuttiv u is-Sindku (ex-officio). Is-Sindku ppropona li jkun hemm ukoll l-Accountant tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar nnotat li hi taqbel ghax ilha tgħid fuq dan f'diversi laqgħat. Hi kompliet tgħid li fil-laqgħa mad-Direttur inħareg li din hi obbligatorja u magna li tgħin lil-Kunsill.

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri ppropona lil Kunsilliera Dr. Rita Mifsud ukoll biex tkun parti minn dan il-bord. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar informat lil Kunsilliera li peress li l-Kunsillier Micheal Camilleri hu imsiefer u ma setax ikun prezenti f'din il-laqgħa, tixtieq titkellem miegħu fuq min ser ikun fuq il-bord minnhom it-tnejn. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud informat lil Kunsilliera prezenti li kienet ser tipproponi lil Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar biex jinhatar dan il-bord illum . Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar informat reggħet lil Kunsilliera li ser titkellem miegħu u tinforma lis-Segretarja bid-decizjoni. Is-Sindku ppropona li l-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud tkun chairman ta' dan il-board, u din giet approvata.

**7. Materji Ohra**

i. Charter: Il-Viċi-Sindku spjega fid-dettal rigward il-Konferenza tac-Charter li mar flimkien ma' grupp fi Slovakia. Hu kompla jgħid li tellgħu presentation u li gew milqgħuwa tajjeb ħafna.

ii. Fondi għal-Town Twinning- Is-Sindku nnota li hu tkellem mas-Sindku ta' Zafferena rigward din l-applikazzjoni biex japplikaw fuqha jekk isibha ta' interess għalihom.

iii. Is-Sindku nnota li fin-nuqqas tiegħu fil-gimgħat li gejjin ser jagħti r-responsibilita' ta' Sindku lil Viċi-Sindku Eucharist Camilleri minn 11 ta' Settembru. Is-Sindku kompla jgħid li hu ser ikompli jaħdem fuq il-Wine Festival u d-day to day running jiehu responsibilita' tagħha l-Vici Sindku.

iv. Appell Belvedere DC Cocco Palmeri. Is-Sindku nnota li għal dan l-appell attendiet il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud. Dr. Mifsud spjegat kif għandna nissottomettu risposta ghas-sottomissjonijiet imressqa mill-appellanti sal-aħħar ta' Settembru, u kien hemm qbil li dan isir permezz tal-avukat Galea. Is-Sindku spjega wkoll li fil-kawża li nfetħet il-qorti, ġew ipprezentati l-affidavits tas-Sindku u s-Segretarja Ezekuttiva.

v. Talbiet:

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar informat li hemm bzonn patching fi Triq San Blas tal-bajja fl-irdum għax hemm il-ħofor u biex jinqata l-ħaxix ħazin.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar informat li hemm bzonn titranga rampa tar-residenza Jesmar House fi Triq Wied ir-Riħan.

Il-kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward il-bozoz il-ġodda. Is-Sindku mill-ġdid spjega li dawn qed jinżammu f'lista u għadna nistennew risposta mir-Reġjun.

Talba għal bank fi Triq l-Inzul l-Francizi. Il-Kunsill qabel ma dan.

Talba biex titressaq t-totem li hemm quddiem no. 1,Triq ir-Ramla. Il-Kunsill qabel ma dan u ser titneħħa il-granet li gejjin.

Talba għal bank fi Triq Torri Kenuna. Il-Kunsill ma qabilx fuq dan peress li ga hemm bankijiet oħra hemm.

Talba biex tinxtara kanna għas-slip way f'Daħlet Qorrot. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 10. Data għall-laqgħa oħra

Il-laqgħa spiċċat fis-6:00p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 20 ta' Settembru fl-4.30 p.m. u l-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi fit-13 ta' Settembru, fil-5:00p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |